MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2013

Rikors Numru. 304/2012

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremetta:

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata izzewgu fis-sbatax (17) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988) fil-Bazilika tal-Madonna ta' Monte Carmeli gewwa l-Belt, Valletta, u dan kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'EF1' ;

2. Illi minn dan iz-zwieg twieldet W sive W B li llum ghandha l-eta` ta' tnejn u ghoxrin (22) sena kif jidher mic-Certifikat tat-Twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'EF2' ;

3. Illi l-hajja konjugali bejn ir-rikorrenti u l-intimata ma baqghatx aktar possibbli minhabba ragunijiet fil-Ligi li jaghtu lok ghal separazzjoni personali bejniethom u konsegwentement r-rikorrenti u l-intimata resqu ghal separazzjoni personali permezz ta’ kuntratt datat erbgha u ghoxrin (24) ta’ Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) fl-atti tan-Nutar Ruben Casingena, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. ‘EF3’ u dan wara li gew awtorizzati permezz ta’ digriet opportun datat erbgha u ghoxrin (24) ta’ Marzu tas-sena elfejn u erbgha (2004) u bin-numru 131/2004 (Ittra nru. 240/04) ;
4. Illi r-rikorrenti u l-intimata ilhom separati legalment ghal iktar minn tmien (8) snin, ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u konsegwentement ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom ;
5. Illi skond il-kuntratt ta’ separazzjoni anness u mmarkat Dok. ‘EF3’ ir-rikorrenti kien irrinunzja volontarjament ghal retta alimentari filwaqt illi l-intimata iddekadiet mid-dritt taghha illi titlob u tircievi manteniment minghand ir-rikorrenti ;
6. Illi t-tifla W sive Whitney B, illum hija maggorenni u konsegwentement l-ebda manteniment ma huwa dovut f’dan ir-rigward ;
7. Illi konsegwentement ma hemmx pendenzi u/jew pretenzjonijiet ta’ manteniment ;
8. Illi l-fatti hawn fuq esposti jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju ai termini tal-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn ir-rikorrenti u l-intimata;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Salv kull provvediment iehor li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna;

Rat ir-risposta tal-intimata li giet ikkonfermata minnha bil-gurament, li in forza taghha eccepiet:

1. Illi l-esponenti ma ghandhiex oggezzjoni sabiex tigi akkolta t-talba tad-divorzju stante li l-kundizzjonijiet ghall-otteniment kollha tad-divorzju javveraw ruhhom.

2. Illi ma hemmx possibilta` li l-partijiet jirrangaw bejnithom;

3. Illi l-esponenti kienet irrinunzjat mill-manteniment;

4. Illi l-partijiet ilhom separati minn xulxin ghal aktar minn ghaxar (10) snin;

5. Illi l-minuri illum mhiex minuri anzi hija maggorenni;

Rat id-digriet taghha tat-30 ta' Mejju, 2012;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Semghet lir-rikorrenti jixhed bil-gurament tieghu;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi gie ippruva illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-24 ta' Marzu, 2004 u ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Illi ir-rikorrenti ippruva ukoll illi l-intimata kienet iddekadiet mid-dritt taghha li titlob u tircievi manteniment minghandu. Ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ulied il-partijiet illum il-gurnata huma maggorenni u ma hemm l-ebda manteniment dovut f'dan ir-rigward;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien

xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------